**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-02 ta' Lulju, 2019**

**Talba Numru:- 481/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista:- 36**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa LQA 4000**
**Vs**
**Julian Sant (K.I. 463175M)**
**3, Rosary,**
**Sqaq San Pietru Nru 6,**
**Qormi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2018 illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet mingħand il-konvenut is-somma ta' elf mija tnejn u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,152.82c) rapprezentanti servizzi in konnessjoni ma' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11022935 fuq talba u a beneficcju tal-intimat.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritti mil-liġi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie pprezentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lill-avukat tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u tnejn u hamsin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€1,152.82c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-invoice sad-data tal-fattura tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**